TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 336/11/GB

**Ivan Curmi**

**vs**

**Charlie Galea – Marble & Granite Works**

Illum 10 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf hames mija u hamsin Ewro (€1550.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal tarag tal-granit minghand l-ntimat, liema granit kien difettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa ghamel tarag tal-granit li xtara minghand l-intimat. Waqt li kien qed jitqieghed it-tarag, targa minnhom twahhlet b'tebgha safra fuqha. Ir-rikorrent kien qal lill-intimat biha, fejn huwa kien mar jaraha u r-risposta tieghu kienet li m'hi xejn u li kien ser jirrangaha. Meta l-intimat kien mar biex jirrangaha, kien ha tip ta' kimika mieghu u applikaha fuq it-tebgha izda ma marritx. L-intimat kien halla l-kimika ghand ir-rikiorrent, sabiex japplikaha hu personali. L-intimat kien qal lir-rikorrent ukoll biex jinformah kif ikun mar. Ir-rikorrent informa lill-intimat li t-tebgha ma marritx u l-intimat irrikkomanda li tinbidel dik it-targa. Ftit granet wara, t-turgin l-ohra beda johorgilhom l-istess tebghat sofor.

Ghalhekk, mill-gdid, ir-rikorrent rega' nforma lill-intimat x'kien gara u minn naha tieghu r-risposta kienet li kien ser imur jittawwal. Izda, sfortunatament, minghajr ebda raguni valida, gimgha wara gimgha l-intimat baqa' ma marx.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Filwaqt li jikkonferma illi t-tarag in kwistjoni gie mahdum minnu, il-materjal uzat, jigifieri 'Shivakashi' li huwa granit, huwa materjal li ghalkemm fis-sustanza tieghu huwa 'Magma', jigifieri prodott tal-lava, sfortunatament fih parti minnu li hu parti daqsxejn soft, jigifieri madwar 30% hija suggetta li fiha jkun hemm particles li jinqabdu matul is-snin fil-materjal, per ezempju, OCRA, oxides, albumina, alumina, ecc.

Meta dawn l-ingredjenti kollha f'materjal, f'dan il-kaz granit Shivakashi, jinhadem, huwa rari ferm li jaghtik indikazzjoni ta' dawn il-minerali soft u ghalhekk jista' li meta jibda jitpogga, peress li bit-tahlita tat-tqeghid l-umdita', jigifieri partijiet 'wet' jippenetraw dawn il-particles bhall-OCRA u din tippronunzja ruhha billi timmanifesta roqgha safranija. B'danakollu, dan m'huwiex difett ta' kompozizzjoni jew difett strutturali, izda kollox huwa naturali u c-chances huma li meta l-materjal jinxef, jisparixxi kollox. Dan il-fenominu jigri hafna drabi f'materjal li huwa naturali. Pero', trid ittieh ftit cans ghall-process naturali, sabiex jinxef.

L-intimat ma jaccettax illi b'xi mod naqas fil-konfront tasr-rikorrent u ghalhekk qieghed jirrifjuta t-talba.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa r-ricevuta datata 25 ta' Jannar 2011, ghall-ammont ta' elf hames mija u hamsin Ewro (€1550.00), li giet immarkata bhala Dok.IC1; flimkien ma' sett ta' sitt (6) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.IC2 sa Dok.IC4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimat, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa, permezz ta' nota, l-atti ta' kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Talba Nr. 1026/06VG), immarkati bhala Dok.KC.

It-Tribunal appunta lil AIC Mario Cassar, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar, fejn fil-konkluzjonijiet tieghu huwa rrileva illi *"Jekk il-fornitur tal-'granit' ghandu biss mill materjal fornut lil attur, ghandu jforni materjal li ma' jimmanifestax d-difetti mohbija li fettxu fil-materjal supplit lil attur. Ghaldaqstant l-esponent huwa tal-fehma illi dak il-materjal 'mtebba' ghandu jigi sostitwit."*, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf hames mija u hamsin Ewro (€1550.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**